**20 ta' Marzu, 1989**

**Imħallfin: –**

**S.T.O. Prof. Hugh W. Harding B.A., LL.D., F.S.A., F.R.Hist.S. – President**
**Onor. Joseph A. Herrera Bl.Can., Lic.Can., LL.D.**
**Onor. Carmelo A. Agius B.A., LL.D.**

Romeo Schembri

*versus*

Avukat Dottor Michael Frendo *et*

## Appell minn Digriet Interlokutorju – Nuqqas ta' Ġurisdizzjoni *pro tempore* ta' l-Ewwel Qorti

*L-art 229(5) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili jiddisponi li l-kawża fil-Qorti ta' l-ewwel grad ma tiġix maqtugħa sakemm ma jiġix deċiż xi appell minn digriet interlokutorju, barra minn fuq xi punt partikolari li jista' jiġi maqtugħ għalih, apparti mill-mertu li jkun jidħol fl-appell.*

*Bl-imsemmija diposizzjoni l-ewwel Qorti tiġi* ***pro tempore*** *żvestita mill-ġurisdizzjoni tagħha li tieħu konjizzjoni ulterjuri tal-kawża u għalhekk każ simili huwa ekwiparabbli għall-każ ta' nuqqas ta' ġurisdizzjoni.*

Il-Qorti: –

Rat iċ-ċitazzjoni ta' l-attur ippreżentata fil-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, illi biha hemm premessi d-dikjarazzjonijiet neċessarji u mogħtija l-provvedimenti opportuni;

Premess li fil-ħarġa tal-ġurnal "In...Tagħna" tat-23 ta' Novembru, 1984, f'artikolu ntitolat "Il-kumplott biex jinqatel Bakoush", b'diversi subtitoli miegħu li jibda paġna 1 u jkompli f'paġni 8 u 9 il-konvenuti mmalafamaw lill-attur billi attribwewlu fattijiet determinanti bi skop li joffendu l-unur u l-fama tiegħu jew li jesponuh għar-redikolu u għad-disprezz tal-pubbliku;

Premess li b'dal-mod ikkaġunaw danni lill-istanti skond il-liġi;

Talab għalhekk l-attur għar-raġunijiet premessi:

1. Dik il-Qorti tiddikjara lill-konvenuti ħatja versu l-istanti ta' malafama *kif* ingħad;

2. Tillikwida s-somma dovuta bħala danni;

3. Tikkundanna lill-konvenuti jħallsu lill-istanti l-ammont hekk iddikjarat dovut in linea ta' danni;

Bl-ispejjeż kompriżi Lm1 ta' l-ittra interpellatorja u bl-imgħax skond il-liġi kontra l-konvenuti;

Rat in-nota ta' l-eċċezzjonijiet ta' Dottor Michael Frendo u Paul Spiteri fejn eċċepew illi d-domanda ta' l-attur għandha tiġi respinta billi hu ma ta ebda malafama lill-attur billi semma' biss fatti veri li attwalment ġraw u li hu rraporta fedelment;

Rat is-sentenza mogħtija mill-Prim'Awla ta' l-Onorabbli Qorti Ċivili fil-25 ta' Settembru, 1987, li biha dik il-Qorti ddeċidiet billi, fil-waqt li tirrespinġi l-eċċezzjonijiet tal-konvenuti bħala *nfondati*, *tilqa'* t-talbiet attriċi kif dedotti fl-att taċ-ċitazzjoni b'dan li tikkundanna għalhekk liż-żewġ konvenuti kif imħarrkin li jħallsu lill-attur in linea ta' danni s-somma hekk illikwidata ta' Lm320, bl-imgħax legali mid-data ta' l-istess deċiżjoni sal-ħlas effettiv, il-kap ta' l-ispejjeż jitħallas ukoll mill-konvenut;

*Omissis;*

Rat in-nota *ta' l-appell ta' l-Avukat Dr. Michael Frendo,* Editur u Paul Spiteri stampatur tal-ġurnal "In-...Tagħna" ppreżentata fil-5 ta' Ottubru, 1987;

Rat il-petizzjoni ta' l-appell ta' l-imsemmija Avukat Dottor Michael Frendo, editur u Paul Spiteri, stampatur tal-ġurnal "In-...Tagħna" ppreżentata fil-21 ta' Ottubru, 1987 li biha għar-raġunijiet hemm esposti talbu li din il-Qorti tilqa' l-appell, *tirrevoka, tħassar u tannulla s-sentenza appellata mogħtija mill-*Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-25 ta' Settembru, 1987, billi prevja li tilqa' l-eċċezzjoni ta' l-imsemmija konvenuti appellanti u tiċħad it-talbiet ta' l-attur appellat, bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-istess attur appellat;

Rat ir-risposta ta' l-attur appellat ippreżentata fis-17 ta' Ġunju, 1988;

Rat l-atti l-oħra rilevanti u opportuni;

Ittrattat l-appell;

Ikkunsidrat:

Fil-petizzjoni tagħhom ta' l-appell il-konvenuti appellanti qegħdin jissottomettu bħala aggravju illi l-ewwel Qorti pproċediet biex tiddeċidi l-kawża fil-mertu għalkemm kien hemm pendenti appell minn digriet mogħti mill-istess Qorti u b'dan il-mod marret kontra l-art. 229(5) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12). Bħala konsegwenza, ikomplu jissottomettu l-konvenuti appellanti, l-ewwel sentenza hija nulla. Min-naħa tiegħu l-attur appellat qiegħed jissottometti li l-fatt li l-konvenuti kienu appellaw mill-imsemmi digriet ma jirriżultax mill-atti tal-kawża kwantu din kienet quddiem l-ewwel Qorti bejn il-25 ta' Ġunju, 1987 u l-25 ta' Settembru, 1987, u għalhekk ma kien hemm xejn x'iżomm lill-ewwel Qorti li tgħaddi għas-sentenza;

Ikkunsidrat:

L-artikolu 229(5) jiddisponi li l-kawża fil-Qorti ta' l-ewwel grad ma tiġix maqtugħa sakemm ma jiġix deċiż dak l-appell (i.e. l-appell mid-digriet interlokutorju), barra minn fuq xi punt partikolari li jista' jiġi maqtugħ għalih, apparti mill-mertu li jkun jidħol fl-appell'';

Il-Qorti fil-kawża ''Polidano *vs* Gauci *et*'', 10 ta' Diċembru, 1962 (Kollez. Dec. XLVI.I.427) kellha l-okkażjoni li tenunzja *inter alia* dawn il-prinċipji in konnessjoni ta' l-imsemmija disposizzjoni tal-liġi, li l-Qorti, kif illum komposta, taqbel

magħhom;

1. Id-disposizzjoni hija *"mandatory"* jew imperativa;

2. Ma jistax jiġi argomentat li l-appell mid-digriet jista' dejjem isir ma' l-appell mis-sentenza finali sabiex tiġġustifika lill-ewwel Qorti li tgħaddi għas-sentenza finali nonostante l-appell mid-digriet, billi jista' faċilment jiġi replikat li l-parti li tippretendi ruħha aggravata bid-digriet għandha dritt *li tagħżel* bejn *l-appell* li jsir qabel u dak li jsir flimkien ma' l-appell mis-sentenza finali u kieku kien sewwa l-imsemmi argument, allura dan id-dritt ta' xelta jiġi newtralizzat;

3. Bl-imsemmija disposizzjoni l-ewwel Qorti tiġi *pro tempoore* żvestita mill-ġurisdizzjoni tagħha li tieħu konjizzjoni ulterjuri tal-kawża u għalhekk każ simili huwa ekwiparabbli għall-każ ta' nuqqas ta' ġurisdizzjoni;

4. Isegwi li lanqas huwa l-każ ta' l-applikazzjoni ta' l-art. 790 (ġà l-art. 793) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili fis-sens li l-eċċezzjoni tan-nullità ma tiġix attiża jekk id-deċiżjoni tinsab li hija sostanzjalment ġusta billi l-art. 790 jeċċettwa *inter alia* l-każ ta' nuqqas ta' ġurisdizzjoni, bħal ma huwa l-każ preżenti;

Huwa evidenti li għandu japplika f'dan l-appell l-artikolu 229(5) fuq ċitat billi hu ovvju li meta l-Qorti, wara l-imsemmi digriet li kien jirrigwarda l-produzzjoni tal-provi, għaddiet biex tiddeċidi l-mertu, ma jistax jingħad li hija kienet qiegħda tiddeċidi fuq xi punt partikolari li jista' jiġi maqtugħ għalih. Għalhekk l-ewwel Qorti, meta ġie intavolat l-appell mid-digriet fuq imsemmi, ġiet żvestita *pro tempore* mill-ġurisdizzjoni tagħha

li tieħu konjizzjoni ulterjuri tal-kawża u dan in-nuqqas ta' ġurisdizzjoni jwassal għan-nullità tas-sentenza;

Għandu jingħad li l-argument ta' l-attur appellat li l-fatt li l-konvenuti kienu appellaw ma kienx jirriżulta lill-ewwel Qorti mill-atti tal-kawża u għalhekk ma kien hemm xejn x'iżommha milli tgħaddi biex tagħti s-sentenza fil-mertu m'huwiex aċċettabbli. Bl-appell mid-digriet interlokutorju, kif ġà ngħad il-Qorti ġiet żvestita temporanjament mill-ġurisdizzjoni tagħha li tieħu konjizzjoni ulterjuri tal-kawża, kienet jew ma kinetx taf b'dak l-appell. Iċ-ċirkostanza li l-ewwel Qorti ma ġietx infurmata b'dak l-appell għandu, fil-fehma tal-Qorti, jittieħed in konsiderazzjoni għall-finijiet tal-kap ta' l-ispejjeż kif ukoll għandha tittieħed in konsiderazzjoni ċ-ċirkostanza li l-attur appellat kien ġie nnotifikat b'dak l-appell fit-3 ta' Lulju, 1987, u għamel ir-risposta tiegħu għalih fl-14 ta' Lulju, 1987, ċjoè iktar minn xahrejn qabel ma l-ewwel Qorti tat is-sentenza fil-mertu;

Għandu jiżdied ukoll li anke kieku l-Qorti ddeċidiet l-appell mid-digriet interlokutorju qabel l-appell preżenti, ma jistax jingħad li b'daqshekk ġiet sanata s-sentenza appellata. Jekk dik is-sentenza kienet nulla minħabba difett ta' ġurisdizzjoni meta ngħatat, l-istess tibqa' nulla llum billi l-istess l-ewwel Qorti ma kellhiex ġurisdizzjoni fil-mument rilevanti, ċjoè l-mument li ngħatat is-sentenza. Anke kieku l-appell interlokutorju mid-digriet kien ġie deċiż qabel dak preżenti, dan ma kienx jikkonferixxi retroattivament ġurisdizzjoni fuq l-ewwel Qorti u b'dan il-mod jissana d-difett, stante li dan id-difett kien jeżisti fil-mument rilevanti li huwa l-mument meta ngħatat is-sentenza;

Għal dawn il-motivi l-Qorti tiddeċidi billi tilqa' l-appell u tiddikjara s-sentenza appellata nulla. L-ispejjeż fiċ-ċirkostanzi,

sija ta' l-ewwel istanza kif ukoll ta' din l-istanza relattivi għas-sentenza tal-25 ta' Settembru, 1987, għandhom jiġu *ssopportati* nofs mill-konvenut appellanti u nofs mill-attur appellat.